# IĊĊEDUX GĦALL-OMERTÀ

*Siltiet mill-appell tal-E.T. Mons Mario Grech Isqof ta' Għawdex fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Koronatu Martri, Nadur - 9 ta' Novembru 2009*

L-Isqof t'Għawdex Mons Mario Grech appella lill-insara biex ma jċedux għall-omertà, imma jsemmgħu l-vuċi tagħhom biex dak li huwa sewwa u ġust ikun mħares.

F'omelija li għamel fil-parroċċa tan-Nadur, fejn kienet qed tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Koronatu Martri, l-Isqof Grech qal li fis-soċjetà Maltija, it-traffikar tad-droga huwa ġerħa serja, imma l-omertà li hawn dwar dan il-fenomenu hija inkwetanti daqshekk ieħor! Żied li **għalkemm hawn sinjali li n-negozju tad-droga qed jikber, anke f'Għawdex, il-leħen u l-azzjoni ta' dawk li huma fid-dmir li jikkumbattu din il-kriminalità huma dgħajfin ħafna.** Il-ġlieda kontra d-droga qal li mhux faċli, għax barra li hemm ħafna interessi finanzjarji, tista' tinvolvi ukoll kompromessi bejn poteri differenti. Bir-raġun li f'dan il-qasam, is-soċjetà tistenna aktar mill-politiċi u minn dawk li huma rikumpensati mit-taxxi tal-poplu biex ikun hemm l-ordni!

L-Isqof kompla jgħid li **t-traffikar tad-droga huwa biss wieħed mill-oqsma soċjali fejn in-nisrani għandu d-dmir li jsemma l-vuċi tiegħu biex jiddefendi dak li huwa sewwa u ġust.** Qal li ma jistgħaġibx jekk għax jiftaħ fommu favur id-dritt u s-sewwa, in-nisrani jkollu jħallas prezz. Huwa fatt li flok il-persekuzzjoni li twassal ghat-tixrid tad-demm kif ġralhom il-martri, **illum fl-Ewropa hawn ostilità kulturali kontra l-kristjani, il-maġisteru ta' Ġesù Kristu u t-tagħlim tal-Knisja.** Fid-dawl ta' dan semma tlett aspetti ta' din l-aggressjoni kulturali.

L-ewwel qal li xi uħud minn nies tal-*media* għandhom sengħa kif mhux biss jifgaw il-vuċi tan-nisrani, imma ukoll kif imexxu kampanja fina biex jiskreditaw l-Evanġelju u l-ħabbara tiegħu! It-tieni qal li fl-istess ċentri ta' tagħlim, partikularment ta' livell terzjarju, minflok ma jsir eżerċizzju dixxiplinat tar-raġuni li jgħin u jinstiga lill-istudent ikompli jfittex il-verità, ikun hemm min iħarbat dan il-proċess bil-premessi ateistiċi tiegħu! F'dawn l-ambjenti, żied li miskin hu n-nisrani li jipprova jaqsam mal-oħrajn dak li tgħidlu r-raġuni mdawla bil-fidi. It-tielet, fi kliemu, **bil-pretest tas-sinkretiżmu reliġjuż li jqiegħed ir-reliġjonijiet u s-setet kollha fl-istess keffa u ma jagħmilx differenza bejn ir-reliġjon nisranija u denominazzjoni oħra, kull interpretazzjoni tar-realtà ssir valida, joktor ir-relattiviżmu u tintilef l-ispeċifiċità tal-Kristjaniżmu.**

Temm jgħid li biex quddiem din l-ostilità kulturali, in-nisrani jkollu l-kuraġġ li jibqa' jagħti xhieda, meħtieġ li huwa jikseb il-qawwa tal-grazzja t'Alla partikolarment bit-tisħib tiegħu fil-quddiesa ta' Jum il-Mulej li qal li hija "l-ewkaristija tal-martri".

# IN-NISRANI FIL-POLITIKA (2)

*Lekċer pubbliku tal-Isqof Mons. Mario Grech fl-"Iskola Fortunato Mizzi" 31 ta' Ottubru 2009*

*(Ikompli mill-ħarġa ta' Diċembru)*

Il-Papa Benedittu XVI għamel riferenza għal dawn l-*"esigenze etiche fondamentali e irrinunciabili"* f'diskors li għamel lill-membri tal-Partit Popolari Ewropew fl-2006. Hawnhekk il-Papa fisser li dawn il-prinċipji m'humiex verità ta' fidi, anki jekk il-fidi toffri dawl fuqhom u tikkonfermahom. Huma prinċipji miktuba fin-natura umana u għalhekk huma komuni għall-umanità kollha. Meta l-Knisja tiddefendihom hija ma tkunx qed tagħmel azzjoni konfessjonali, imma l-azzjoni tagħha hija indirizzata lill-bnedmin kollha, irrispettivament mill-affiljazzjoni reliġjuża tagħhom.[15]

Bħal kull Nisrani ieħor il-politiku Nisrani għandu d-dmir li jifforma l-kuxjenza tiegħu anki fid-dawl tal-Maġisteru tal-Papa u tal-isqfijiet: *"Evidently, this is true for all the baptised, yet it is especially incumbent upon those who, by virtue of their social or political*

[15] *"Questi principi non sono verità di fede anche se ricevono ulteriore luce e conferme dalla fede. Essi sono iscritti nella natura umana stessa e quindi sono comuni a tutta l'umanità. L'azione della Chiesa nel promuoverli non ha dunque carattere confessionale, ma è rivolta a tutte le persone, prescindendo dalla loro affiliazione religiosa"*, Diskors li sar f'Ruma, 30 ta' Marzu 2006.

*position, must make decisions regarding fundamental values, such as respect for human life, its defence from conception to natural death, the family built upon marriage between a man and a woman, the freedom to educate one's children and the promotion of the common good in all its forms (230). These values are not negotiable. Consequently, Catholic politicians and legislators, conscious of their grave responsibility before society, must feel particularly bound, on the basis of a properly formed conscience, to introduce and support laws inspired by values grounded in human nature".*[16]

Jekk hija responsabbiltà tar-ragħajja spiritwali li jgħinu fil-formazzjoni tal-kuxjenza, huwa dritt ukoll tal-Insara li jsibu gwida fir-ragħajja tagħhom. "Meta l-isqfijiet jgħallmu f'għaqda mal-Isqof ta' Ruma huma għandhom ikunu mismugħa minn kulħadd b'venerazzjoni bħala xhieda tal-verità divina u Kattolika; l-Insara għandhom jaċċettaw il-ġudizzju tal-isqof tagħhom, mogħti f'isem Kristu, fi ħwejjeġ ta' fidi u ta' morali, u joqogħdu għalih b'qima reliġjuża".[17] Kull politiku għandu piż enormi fuq spallejh, għax bl-għażliet li jagħmel fil-kamp tiegħu huwa jkun qed jibni jew iħott ċiviltà sħiħa; bil-liġijiet li l-politiku jagħmi fil-parlament huwa jkun qed jolqot mhux biss il-ħajja tal-individwi imma tas-soċjetà kollha kemm hi. Għalhekk il-politiku m'għandu qatt jieqaf ifittex il-verità.

Hemm bżonn li l-"moviment Kattoliku" ikun aktar preżenti fil-politika lokali, la l-identità Kattolika mhix ristretta għal identità partitika; u għalhekk il-preżenza trasversali tal-politiku Nisrani għandha tkompli tissaħħaħ. Dan l-imperattiv mhux biss ħiereġ mit-twemmin tagħna f'Ġesù Kristu, imma wkoll għax is-soċjetà, partikularment l-istituzzjonijiet demokratiċi nazzjonali u Ewropej, jeħtiġuh. Meta fl-arena politika l-għajta irrazzjonali tinstema' tidwi, mhux dejjem ikun hemm eku qawwi biżżejjed tal-vuċi razzjonali; anzi, xi drabi meta dan il-leħen jinstema' jkun iżarżar. Imma huwa fatt li bħala dixxiplu ta' Kristu l-politiku Nisrani ma jistax jagħti kontribut politiku ġenwin jekk ma jkunx qed jagħmel esperjenza ta' fidi. Il-politiku Nisrani matur huwa n-Nisrani matur.

[16] Beneditu XVI, *Sacramentum caritatis*, 83.

[17] Konċilju Vatikan II, *Lumen gentium*, 28

# BŻONN GĦAL REINTREGRAZZJONI SOĊJALI TAD-DROGATI

*Messaġġ tal-E.T. Mons Mario Grech Isqof ta' Għawdex waqt l-għoti tal-Premju Żagħżugħ tas-Sena, Lukanda Ta' Ċenċ - 28 ta' Novembru 2009*

Normalment l-aħħar fażi tal-programm tar-riabilitazzjoni ta' dawk li jkunu vittmi tad-droga, hija xi forma ta *reintegrazzjoni* tal-klijenti.

Forma ta' *reintegrazzjoni* li għandha tkun evitata akkost ta' kollox hija meta l-klijent li jkun spiċċa l-programm jerġa' jibda jmiss id-droga u hekk jerġa' "jinqabad" fix-xibka tal-mewt. Min imexxi d-droga jaf ikun attent bħal seqer biex japprofitta mid-dgħufija ta' persuna li tkun tnaddfet mid-droga u jerġa' jwaqqagħha fil-vizzju.

Quddiem din it-theddida, li kapaċi ġġib fix-xejn l-isforzi li jkunu saru biex persuna mċappsa bid-droga teħles mid-dipendenzi tagħha, hija meħtieġa ħidma ta' "prevenzjoni" ħalli persuna jkollha rieda qawwija biżżejjed biex ma terġax taqa' fin-nassa. Hija meħtieġa wkoll ħidma bla waqfien ta' "repressjoni" biex min hu bla kuxjenza u jrid jeqred il-ħajja umana bit-tixrid tad-droga, jiġi denunzjat u mrażżan.

Imbagħad wieħed jawgura li min ifiq minn dipendenza mid-droga jew kimiċi oħrajn, ma jkollux diffikultà biex ikun *reintegrat* fis-soċjetà. Jekk ir-reintregrazzjoni soċjali tkun nieqsa, is-soċjetà tirriskja li hi stess timbotta lil min jispiċċa mill-programm biex minħabba nuqqas ta' inċentivi, jerġa' jfittex id-dipendenza. Nappella lis-settur pubbliku u privat biex jikkunsidraw kif jistgħu joffru mpjiegi lil dawk li jispiċċaw b'suċċess il-programm. F'ċertu sens, dik is-soċjetà li tonqos milli tagħmel dmirha biex teqred is-suq tad-droga, b'sens ta' ġustizzja għandha d-dmir li tara kif tagħmel proposti biex ir-reintegrazzjoni soċjali tkun possibbli.

Biex persuna li kienet imċappsa bid-droga ma tiġix skartata, hemm bżonn li jkun hemm aktar fiduċja fil-persuna li għalkemm darba żbaljat, issa trid tibda tgħix ħajja normali. Meħtieġ ukoll li negħlbu l-preġudizzju kontra min darba kien vittma tad-droga imma issa ġie riabilitat. Minn naħa tagħhom, persuni li joħorġu mid-droga, għandhom jgħassu sew fuqhom infushom biex ikunu responsabbli ta' għemilhom.

Għandi wkoll kelma ta' apprezzament għax-xogħol li qed twettaq il-Fondazzjoni OASI.

# DAWL FUQ ID-DLAMIJIET TA' LLUM

*Messaġġ tal-E.T. Mons Mario Grech Isqof ta' Għawdex*
*fil-quddiesa pontifikali ta' nhar il-Milied fil-Katidral ta' Għawdex - 25 ta' Diċembru 2009*

"Għall-bniedem li jkun miexi fid-dlam tal-ħajja, il-Milied inissel it-tama għax fit-twelid ta' Kristu "id-dawl idda fid-dlam, imma d-dlam ma għelbux".

Meta twieled Ġesù kien hemm tliet tipi ta' persuni li kienu fid-dlam, imma meta ltaqgħu ma' Ġesù tarbija beda jbexbex jum ġdid għalihom. F'dawn il-kategoriji ta' nies naraw esperjenzi tal-bniedem ta' llum.

Ir-ragħajja – li kienu foqra – ifakkruna fil-foqra ta' żminijietna. Sfortunatament il-faqar qed jikber. Barra dawk li qatt ma kellhom xejn, illum qed jinħolqu foqra ġodda. Hemm persuni u familji li qed isibuha diffiċli li jerfgħu ċerti piżijiet finanzjarji, xi drabi infurzati b'liġijiet, anke fir-rigward ta' bżonnijiet essenzjali għall-ħajja. Id-dawl ta' Kristu jgħinna nirbħu dawn il-dlamijiet.

Hemm dawk li bħal tal-lukanda ta' Betlem tant huma mħabbtin bix-xogħlijiet tagħhom li jinteressahom biss kemm ser jagħmlu qliegħ. Dawn tant huma fid-dlam li ma jintebħux li hemm nies f'sitwazzjonijiet delikati li qed iħabbtu fuq il-bieb tagħhom. L-attività eżaġerata mhux biss qed tgħejja lill-bniedem, imma tista' tkun ukoll aljenazzjoni li twassal lill-bniedem jittraskura lil min hemm wara biebu: dawn jistgħu jkunu l-istess membri tal-familja tiegħu jew persuni oħra li huma fil-bżonn.

Billi r-reliġjon Lhudija kienet għaddejja minn taqlib spiritwali u kulturali, ftit ħafna baqgħu fidili għat-twemmin tagħhom. Għalkemm kien hemm żmien meta l-poplu t'Alla kien numeruż, kien fadal biss il-'fdal'. Ġużeppi u Marija kienu membri ta' din il-komunità żgħira li baqgħet temmen li l-wegħdiet ta' Alla jitwettqu. Bħalhom, fis-soċjetà tal-lum, l-Insara jridu jitgħallmu jkunu "minoranza" li tgħix f'ambjent diffiċli, u fl-istess waqt ma jħallux id-dlam jaqtgħalhom qalbhom anke meta d-diffikultajiet jinqalgħu fi ħdan l-istess Knisja."

# IL-'MAĠI' F'KUNTATT MAL-KOMUNITAJIET INSARA F'PAJJIŻNA

*Messaġġ tal-E.T. Mons Mario Grech Isqof ta' Għawdex*
*fil-quddiesa pontifikali fl-okkażjoni tal-festa tal-Epifanija fil-Bażilika ta' San Ġorġ - 3 ta' Jannar 2010*

Skont it-tradizzjoni, il-maġi li marru jaduraw lil Ġesù tarbija kienu għorrief u slaten. F'Betlehem huma kellhom laqgħa kemm ma' Kristu kif ukoll mal-ewwel komunità Nisranija preżenti fil-Familja Mqaddsa. X'messaġġ għandha l-komunità Nisranija llum lill-"maġi" ta' żminijietna li qed jagħtu direzzjoni lill-ħajja tas-soċjetà? Dawn huma l-politiċi, il-leġiżlaturi u n-nies tal-kultura u tal-midja.

F'Novembru li għadda, grupp ta' Kattoliċi, Anglikani, Ortodossi u Evanġeliċi permezz tad-**Dikjarazzjoni ta' Manhattan** sejħu lil dawk li għandhom kuxjenza Nisranija biex jingħaqdu flimkien u jwasslu lill-"maġi" kontemporanji messaġġ dwar il-valur tal-ħajja, in-natura taż-żwieġ u l-libertà reliġjuża – tliet prinċipji fundamentali tal-ġustizzja u l-ġid komuni.

Filwaqt li jfakkru fid-dmir ta' kull ċittadin li jobdi l-liġijiet ġusti, iddikjaraw li mhux lesti li joqogħdu għal liġijiet immorali. L-istituzzjonijiet ta' dawn il-komunitajiet Insara jirrifjutaw li jagħmlu abort, riċerki li jeqirdu l-embrijun uman, assistenza lil min irid jagħmel ewtanasja u kull azzjoni kontra l-ħajja.

Huma jtennu wkoll li ma jridux imilu quddiem xi liġi li titlob minnhom li jbierku *partnerships* sesswali immorali; li b'xi mod jikkunsidraw dawn ir-relazzjonijiet daqslikieku huma żwiġijiet normali; u li ħadd ma jpoġġilhom sarima fuq fommhom biex ma jgħidux il-verità dwar il-moralità u l-immoralità taż-żwieġ u l-familja.

Huma jaffermaw id-dritt tal-libertà reliġjuża u d-dritt għal-libertà tal-kuxjenza. Quddiem kultura li trid li d-diskors reliġjuż jibqa' bejn l-erba' ħitan tas-sagristija, hemm bżonn jiġi affermat li f'soċjetà demokratika, bħal kull ċittadin ieħor, in-Nisrani għandu d-dritt li jitkellem fil-pjazez.

Dan kollu japplika għar-realtà tagħna! L-Insara f'pajjiżna, flimkien ma' dawk kollha ta' rieda tajba, għandhom joħolqu moviment li jimbotta l-konvinzjonijiet morali u reliġjużi tagħhom fil-ħajja pubblika, biex "il-maġi" ta' llum jagħrfu jieħdu direzzjoni korretta u, jekk ikun meħtieġ, jitbiegħdu minn dawk "il-palazzi" moderni tat-tmexxija u tal-ġustizzja li f'xi waqtiet isiru jixbhu l-"palazz ta' Erodi".

# KWIEKEB UMANI LI QED JIĠĠARRFU

*Messaġġ tal-E.T. Mons Mario Grech Isqof ta' Għawdex*
*fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Fortunatu, iż-Żebbuġ - 15 ta' Novembru 2009*

Familja li titkisser, żagħżugħ li jittaqqab, missier li jisfa' bla xogħol, mara sfruttata sesswalment, huma bħal kwiekeb sbieħ li qed jaqgħu u jitkissru!

Tkun ħasra jekk naħsbu li ċerti ġrajjiet li jissemmew fl-Evanġelju, bħal meta jingħad li x-xemx tiddallam, il-qamar jitlef id-dija u l-kwiekeb jaqgħu, huma biss riferenza għal x'għad jiġri fl-aħħar tad-dinja. L-istess sinjali ta' tmermir jidhru fis-soċjetà ta' żminijietna.

Huwa iblah il-bniedem li ma jammettix li llum ukoll hemm kwiekeb li qed jiġġarrfu – mhux dawk li nsibu f'xi kostellazzjoni stellari, imma huma dawk il-bnedmin li jinsabu għaddejjin minn esperjenzi umani traġiċi.

Għalija familja li titkisser, żagħżugħ li jittaqqab, missier li jisfa' bla xogħol, mara sfruttata sesswalment, huma bħal kwiekeb sbieħ li qed jaqgħu u jitkissru!

Hija ħaġa tal-iskantament li meta nisimgħu diskors dwar l-aħħar tad-dinja ninkwetaw u nallarmaw ruħna; imbagħad meta għandna tant "kwiekeb umani" li qed jitwaqqgħu, nibqgħu indifferenti u passivi.

Skont l-Iskrittura, dan il-proċess ta' qerda jibda meta l bnedmin jipprofonaw it-tempju u jaħarbu mit-tempju t'Alla (ara Mk 13,14), bħalma qed jagħmel il-bniedem illum, li wara li ma baqax jirrispetta t-tempju bħala post qaddis, issa qiegħed jitbiegħed minnu. Huwa fatt li f'pajjiżna għandna kważi 50% li "ħarbu" mit-tempju għax għażlu li ma jieħdux sehem fil-quddies tal-Ħadd. Billi ħrabna mit-tempju, qed nassistu għall-qerda ta' tant "kwiekeb" umani!

Huwa għalhekk li fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku li qed isir fid-djoċesi t'Għawdex, qed isir appell biex l-Insara jerġgħu jibdew japprezzaw il-Jum tal-Ħadd bħala "il-jum tat-tempju" għax il-komunità Nisranija tiltaqa' għall-Ewkaristija. L-esperjenża tal-quddiesa mhux biss tnaqqas il-proċess ta' tmermir morali, imma tgħin biex ikun hemm proċess ta' restawrazzjoni morali.

# IL-KNISJA HIJA MINORITÀ KREATTIVA

*Messaġġ tal-E.T. Mons Mario Grech Isqof ta' Għawdex*
*fl-okkażjoni tal-Ministeru tal-Lettorat, Bażilika tan-Nadur*

Anke jekk fil-jiem tal-Karnival, il-bniedem qisu jikseb liċenzja soċjali biex jagħmel fil-beraħ ħwejjeġ li normalment ma jagħmilhomx, il-ġid komuni jitlob li xorta waħda għandhom jibqgħu mħarsa d-diċenza u r-rispett.

Fl-istess ħin, ċerta mġieba erratika matul iż-żmien tar-renju tal-bluha, tista' tindika il-konfuzjoni u l-bżonn li hemm fil-qalb u l-moħħ tal-bniedem illum. Għalhekk fil-konfront ta' spettaklu bħal dan, il-komunità nisranija b'attitudni pożittiva għandha tara liema huma dawk it-temi, sew f'dak li għandu x'jaqsam mal-moralità kif ukoll f'dak li jirrigwarda s-sens reliġjuż, u bil-kelma t'Alla tipprova ddawwal il-kuxjenzi.

Dan ifisser li fil-komunità nisranija hemm lok għal aktar ħabbara u katekisti li f'waqtu u barra minn waqtu jwasslu l-Kelma t'Alla li għandha qawwa tikxef l-iżball u tiddenunzja d-dnub. Il-fatt li ħames seminaristi qed jirċievu l-"ministeru tal-Lettorat" huwa nifs frisk li jimla l-pulmuni ta' ħafna ndividwi u komunitajiet għax dawn ser ikunu minn dawk li jlaqqgħu lil bniedem mal-Kelma t'Alla.

L-istoriku Ingliż **Arnold Toynbee** itenni li l-kriżi li għaddejjin minnha l-pajjiżi tal-punent tista' tiġi ndirizzata jekk nerġgħu nirkupraw il-wirt reliġjuż, partikularment il-wirt tal-kristjanità tal-punent. Dan l-akkwist huwa possibbli jekk fostna jkollna *minoritajiet kreattivi*. Il-Knisja hija *minorita kreattiva u* l-komunità ekklesjali tista' tgħin biex nirbħu lura l-wirt tal-kristjanità jekk il-parroċċa tkun komunità magħmula minn komunitajiet "żgħar" li kapaċi jkunu kreattivi jekk jemmnu li l-Kelma ta' Alla għandha qawwa toħloq il-bniedem u l-istrutturi kollha tiegħu.

***Nota tad-Direzzjoni:***
Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u kkonservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.